Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 2074/2005

tal-5 ta' Diċembru 2005

li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 306M, 15.11.2008, p. 419)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1664/2006 tas-6 ta' Novembru 2006	L 320	13	18.11.2006
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1244/2007 ta' l-24 ta' Ottubru 2007	L 281	12	25.10.2007
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1022/2008 tas-17 ta' Ottubru 2008	L 277	18	18.10.2008
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1250/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008	L 337	31	16.12.2008
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 15/2011 tal-10 ta' Jannar 2011	L 6	3	11.1.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2011 tal-11 ta' Awwissu 2011	L 207	1	12.8.2011
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1012/2012 tal-5 ta' Novembru 2012	L 306	1	6.11.2012
►M8	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 218/2014 tas-7 ta' Marzu 2014	L 69	95	8.3.2014
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2295 tad-9 ta' Diċembru 2015	L 324	5	10.12.2015
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/759 tat-28 ta' April 2016	L 126	13	14.5.2016
►M11	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1973 tat-30 ta' Ottubru 2017	L 281	21	31.10.2017
►M12	Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1980 tal-31 ta' Ottubru 2017	L 285	8	1.11.2017

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 214, 9.8.2013, p. 11 (1012/2012)

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 2074/2005

tal-5 ta' Diċembru 2005

li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Rekwiżiti li jikkonċernaw tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel għall-fini tar-Regolamenti (KE) Nri 853/2004 u 854/2004

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel kif imsemmija fis-Sezzjoni III ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fil-Kapitolu II (A) tas-Sezzjoni I ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huma stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Rekwiżiti li jikkonċernaw prodotti tas-sajd għall-fini tar-Regolamenti (KE) Nri 853/2004 u 854/2004

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw prodotti tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 11(9) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u fl-Artikolu 18(14) u (15) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huma stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Metodi rikonoxxuti ta' ttestjar għal bijotossini marini għall-fini tar-Regolamenti (KE) Nri 853/2004 u 854/2004

Il-metodi rikonoxxuti ta' ttestjar għall-iskoperta ta' bijotossini marini kif imsemmija fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-Artikolu 18(13)(a) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huma kif stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Kontenut ta' kalċju f'laħam separat bil-magni għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 853/2004

Il-kontenut ta' kalċju f'laħam separat bil-magni kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa kif stipulat fl-Anness IV għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Listi ta' stabbilimenti għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 882/2004

Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-listi ta' stabbilimenti kif imsemmija fl-Artikolu 31(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 huma stipulati fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

▼M6

Artikolu 6

Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa u tad-dokumenti għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-għanijiet tar-Regolamenti (KE) Nri 853/2004 u 854/2004

1. Il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa u tad-dokumenti, kif imsemmija fl-Artikolu 6(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li għandhom jintużaw meta jiġu importati l-prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, huma stipulati f'dak l-Anness.

2. Il-mudell tad-dokument li għandu jiġi ffirmat mill-kaptan, u li jista' jissostitwixxi d-dokument meħtieġ skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 meta l-prodotti tas-sajd jiġu importati direttament minn bastiment tal-friża, kif previst fl-Artikolu 15(3) ta' dak ir-Regolament, huwa stipulat fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

▼M1

Artikolu 6a

Metodi għall-ittestjar ta' ħalib mhux ipproċessat u ta' ħalib trattat bis-sħana

Il-metodi analitiċi stabbiliti fl-Anness VIa ta' dan ir-Regolament għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti, u, fejn xieraq, mill-operaturi fin-negozju alimentari, biex jikkontrollaw il-konformità mal-limiti stabbiliti fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu I, Parti III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' proċess ta' pastorizzazzjoni għal prodotti derivati mill-ħalib kif imsemmi fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu II, Parti II ta' dak ir-Regolament.

▼M2

Artikolu 6 b

Rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli uffiċjali għall-ispezzjoni ta' laħam għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 854/2004

Ir-rekwiżiti li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli uffiċjali għall-ispezzjoni ta' laħam huma stipulati fl-Anness VI b.

▼M11

Artikolu 6c

Rekwiżiti li jikkonċernaw il-verifiki uffiċjali fuq prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' Stati Membri li jidħlu fl-Unjoni wara li jiġu trasferiti f'pajjiżi terzi bil-ħażna jew mingħajrha

1. Prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum uman maqbuda minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru, mhux imħatta, bil-ħażna jew mingħajrha, f'pajjiżi terzi qabel ma jidħlu fl-Unjoni permezz ta' mezz differenti ta' trasport, iridu jkunu akkompanjati b'ċertifikat tas-saħħa maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' dak il-pajjiż terz u mimli skont il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fl-Appendiċi VIII tal-Anness VI.

2. Il-pajjiż terz fejn it-trasferiment iseħħ irid ikun elenkat kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

▼M11

3. Jekk il-prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinħattu u jiġu ttrasportati lejn faċilità ta' ħażna li tkun tinsab fil-pajjiż terz imsemmi f'dak il-paragrafu, dik il-faċilità tal-ħażna għandha tidher f'lista kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

4. Jekk il-prodotti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jitgħabbew fuq bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz, dak il-pajjiż terz irid ikun elenkat kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 u l-bastiment irid jidher f'lista kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

Il-bastimenti tal-kontejners użati għat-trasport ta' prodotti tas-sajd ikkontejnerizzati huma esklużi minn dan ir-rekwiżit.

▼B

Artikolu 7

Deroga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 għal ikel b'karatteristiċi tradizzjonali

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "ikel b'karatteristiċi tradizzjonali" tfisser ikel li fl-Istat Membru fejn huwa manifatturat tradizzjonalment, huwa:

(a) rikonoxxut storikament bħala prodott tradizzjonali, jew

(b) manifatturat skond referenzi tekniċi għall-proċess tradizzjonali kodifikati jew reġistrati, jew skond metodi ta' produzzjoni tradizzjonali, jew

(c) protett bħala prodott ta' l-ikel tradizzjonali minn liġi Komunitarja, nazzjonali, reġjonali jew lokali.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-istabbilimenti li jimmanifatturaw ikel b'karatteristiċi tradizzjonali derogi individwali jew ġenerali mir-rekwiżiti stipulati:

(a) fil-Kapitolu II(1) ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004 fir-rigward tal-post fejn dawn il-prodotti huma esposti għal ambjent meħtieġ għall-iżvilupp parżjali tal-karatteristiċi tagħhom. Dawn il-postijiet jistgħu jinkludu ħitan, soqfa u bibien li mhumiex lixxi, li ma jgħaddi xejn minnhom, li mhumiex assorbenti jew ta' materjal reżistenti għall-korrużjoni u ħitan, soqfa u artijiet ġeoloġiċi naturali;

(b) fil-Kapitolu II(1)(f) u l-Kapitolu V(1) ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004 fir-rigward tat-tip ta' materjali li huma magħmulin minnhom l-istrumenti u t-tagħmir użat speċifikament għall-preparazzjoni, l-ippakkjar u t-tgeżwir ta' dawn il-prodotti.

Il-miżuri ta' tindif u ta' diżinfezzjoni għall-postijiet imsemmija fil-punt (a) u l-frekwenza li bihom isiru għandhom ikunu adattati għall-attività bil-għan li tiġi kkunsidrata l-flora ambjentali speċifika tagħhom.

L-istrumenti u t-tagħmir imsemmija fil-punt (b) għandhom f'kull ħin jinżammu fi stat sodisfaċenti ta' iġjene u jkunu regolarment imnaddfa u diżinfettati.

▼B

3. L-Istati Membri li jagħtu derogi li hemm dispożizzjoni għalihom fil-paragrafu 2 għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-għoti ta' derogi individwali jew ġenerali. Kull notifika għandha:

(a) tipprovdi deskrizzjoni qasira tar-rekwiżiti li ġew adattati;

(b) tiddeskrivi l-oġġetti ta' l-ikel u l-istabbilimenti kkonċernati; u

(c) tagħti kull tagħrif rilevanti ieħor.

Artikolu 8

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 853/2004

L-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huma emendati skond l-Anness VII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 854/2004

L-Annessi I, II u III għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huma emendati skond l-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikabilità

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2006, barra l-Kapitoli II u III ta' l-Anness V, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

TAGĦRIF DWAR IL-KATINA TA' L-IKEL

SEZZJONI I

OBBLIGI TA' L-OPERATURI FIN-NEGOZJU TA' L-IKEL

Operaturi fin-negozju ta' l-ikel li jrabbu annimali li jintbagħtu għall-qatla għandhom jiżguraw li t-tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa inkluż kif xieraq fid-dokumentazzjoni relatata ma' l-annimali mibgħuta, b'mod li tkun aċċessibbli għall-operatur ikkonċernat tal-biċċerija.

SEZZJONI II

OBBLIGI TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

KAPITOLU I

GĦOTI TA' TAGĦRIF DWAR IL-KATINA TA' L-IKEL

1. L-awtorità kompetenti fil-post tat-tluq għandha tinforma lill-operatur fin-negozju ta' l-ikel li qed jibgħat bl-elementi minimi ta' tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel li għandhom jingħataw lill-biċċerija skond is-Sezzjoni III ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. L-awtorità kompetenti fil-post tal-qatla għandha tivverifika li:

   (a) it-tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel huwa kkomunikat b'mod konsistenti u effettiv bejn l-operatur fin-negozju ta' l-ikel li rabba jew żamm l-annimali qabel ma ntbagħtu u l-operatur tal-biċċerija;

   (b) it-tagħrif dwar il-katina ta' l-ikel huwa validu u ta' min joqgħod fuqu;

   (c) jingħata rispons ta' tagħrif rilevanti lill-impriża, jekk applikabbli.

3. Meta l-annimali jintbagħtu għall-qatla fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti fil-post ta' tluq u fil-post tal-qatla għandhom jikkoperaw biex jiżguraw li t-tagħrif mogħti mill-operatur fin-negozju ta' l-ikel li jibgħat hija faċilment aċċessibbli għall-operatur tal-biċċerija li qed jirċiviha.

KAPITOLU II

RISPONS LILL-IMPRIŻA TA' PROVENJENZA

1. Il-veterinarju uffiċjali jista' juża l-mudell tad-dokument stipulat fl-Appendiċi I għar-riżultati rilevanti ta' l-ispezzjoni li għandhom jiġu kkomunikati lill-impriża fejn trabbew l-annimali qabel il-qatla fl-istess Stat Membru skond il-Kapitolu I tas-Sezzjoni II ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

2. L-awtorità kompetenti hija responsabbli li tikkomunika r-riżultati rilevanti ta' l-ispezzjoni fil-każijiet fejn l-annimali huma mrobbija f'impriża fi Stat Membru ieħor u għandha tuża verżjoni tal-mudell tad-dokument stipulat fl-Appendiċi kemm fl-ilsien tal-pajjiż li qed jibgħat kif ukoll fl-ilsien tal-pajjiż li qed jirċievi.

▼B

Appendiċi għal Anness I

MUDELL TAD-DOKUMENT

1.	**Dettalji ta' identifikazzjoni**	
1.1.	impriża ta' provenjenza (pereżempju sid jew maniġer)	
	isem/numru	
	indirizz sħiħ	
	numru tat-telefown	
1.2.	numri ta' identifikazzjoni (ehmeż lista separata)	
	numru totali ta' annimali (bl-ispeċi)	
	problemi ta' identifikazzjoni (jekk hemm)	
1.3.	identifikazzjoni tal-merħla/qatgħa/gaġġa (jekk applikabbli)	
1.4.	speċi ta' l-annimal	
1.5.	numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-saħħa	
2.	**Sejbiet *ante-mortem***	
2.1.	benesseri	
	numru ta' annimali milquta	
	tip/klassi/età	
	osservazzjonijiet (pereżempju gdim tad-denb)	
2.2.	l-annimali kienu konsenjati maħmuġin	
2.3.	sejbiet kliniċi (mard)	
	numru ta' annimali milquta	
	tip/klassi/età	
	osservazzjonijiet	
	data ta' l-ispezzjoni	
2.4.	riżultati tal-laboratorju [1]	

[1] Mikrobijoloġiku, kimiku, seroloġiku, eċċ. (inkludi r-riżultati kif mehmuża).

▼B

3.	**Sejbiet *post-mortem***
	3.1. sejbiet (makroskopiċi)
	numru ta’ annimali milquta
	tip/klassi/età
	organu jew parti ta’ l-annimal(i) milquta
	data tal-qatla
	3.2. marda (jistgħu jintużaw kodiċijiet ([1]))
	numru ta’ annimali milquta
	tip/klassi/età
	organu jew parti ta’ l-annimal(i) milquta
	karkassa parzjalment jew totalment ikkundannata (agħti r-raġuni)
	data tal-qatla
	3.3. riżultati tal-laboratorju ([2])
	3.4. riżultati oħra (pereżempju parassiti, oġġetti minn barra, eċċ)
	3.5. sejbiet dwar il-benesseri (pereżempju riġlejn miksurin)
4.	**Tagħrif addizzjonali**
5.	**Dettalji ta’ kuntatt**
	5.1. biċċerija (numru ta’ approvazzjoni)
	isem
	indirizz sħiħ
	numru tat-telefown
	5.2. indirizz elettroniku jekk disponibbli
6.	**Veterinarju uffiċjali (b’ittri kbar)**
	firma u timbru
7.	**Data**
8.	**Numru ta’ paġni mehmuża ma’ din il-formola:**

([1]) L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu l-kodiċijiet li ġejjin: Kodiċi A għal mard elenkat fl-OIE; kodiċijiet B100 u B200 għal kwistjonijiet ta’ benesseri (Kapitolu II(C) tas-Sezzjoni I ta’ l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004) u C100 sa C290 għal deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-laħam (Kapitolu V(1)(a) sa (u) tas-Sezzjoni II ta’ l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004). Is-sistema tal-kodifikar tista’, jekk ikun meħtieġ, tinkludi aktar subdiviżjonijiet (pereżempju C141 għal mard generaliżżat ħafif, C142 għal mard aktar serju, eċċ.). Jekk jintużaw il-kodiċijiet, għandhom ikunu disponibbli immedjatament għall-operaturi fin-negozju ta’ l-ikel bi spjegazzjoni xierqa tat-tifsira tagħhom.

([2]) Mikrobijoloġiku, kimiku, seroloġiku, eċċ. (inkludi r-riżultati kif mehmuża).

▼B

ANNESS II

PRODOTTI TAS-SAJD

SEZZJONI I

OBBLIGI TA' L-OPERATURI FIN-NEGOZJU TA' L-IKEL

Din is-Sezzjoni tistabbilixxi regoli dettaljati relatati ma' l-ispezzjonijiet viżwali għall-iskoperta ta' parassiti fil-prodotti tas-sajd.

KAPITOLU I

DEFINIZZJONIJIET

1. "Parassita viżibbli" tfisser parassita jew grupp ta' parassiti b'daqs, kulur jew struttura li tingħaraf b'mod ċar mit-tessuti tal-ħut.

2. "Spezzjoni viżwali" tfisser eżami mhux distruttiv ta' ħut jew prodotti tas-sajd bi jew mingħajr mezzi ottiċi ta' tkabbir u taħt kundizzjonijiet ta' dawl tajbin għall-vista umana, inkluż, jekk meħtieġ, kontra d-dawl tax-xemgħa.

3. "Dawl tax-xemgħa", fir-rigward ta' ħut ċatt jew filits tal-ħut, tfisser li l-ħut jinżamm kontra xi dawl f'kamra mudlama biex ikunu skoperti l-parassiti.

KAPITOLU II

SPEZZJONI VIŻWALI

1. L-ispezzjoni viżwali għandha ssir fuq numru rappreżentattiv ta' kampjuni. Il-persuni responsabbli minn stabbilimenti fuq l-art u persuni kwalifikati abbord bastimenti tal-manifattura għandhom jiddeterminaw l-iskala u l-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet b'referenza għat-tip ta' prodotti tas-sajd, l-oriġini ġeografika tagħhom u l-użu tagħhom. Matul il-produzzjoni, l-ispezzjoni viżwali tal-ħut mingħajr interjuri għandha ssir minn persuni kkwalifikati fil-kavità addominali u l-fwied u l-bajd tal-ħut maħsub għall-konsum uman. Skond is-sistema użata għat-tneħħija tal-ġewwieni, l-ispeżżjoni viżwali għandha ssir:

   (a) fil-każ tat-tneħħija ta' l-interjuri bl-idejn, b'mod kontinwu mill-operatur fil-mument tat-tneħħija ta' l-interjuri u tal-ħasil;

   (b) fil-każ ta' tneħħija ta' l-interjuri b'mod mekkaniku, bit-teħid ta' kampjuni meħud fuq numru rappreżentattiv ta' kampjuni li ma jkunx inqas minn 10 ħutiet minn kull grupp.

2. L-ispezzjoni viżwali ta' filits tal-ħut u biċċiet tal-ħut għandha ssir minn persuni kkwalifikati waqt it-tqattigħ u wara li jitqattgħu f'filits jew biċċiet. Fejn mhux possibbli eżami individwali minħabba d-daqs tal-filits jew l-operazzjoni ta' tqattigħ, għandu jinħadem pjan ta' kkampjunar u jinżamm għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità kompetenti skond il-Kapitolu II(4) tas-Sezzjoni VIII ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Fejn huwa meħtieġ minn aspett tekniku l-kontroll tal-filits kontra d-dawl tax-xemgħa, għandu jkun inkluż fil-pjan ta' l-ikkampjunar.

▼B

SEZZJONI II

OBBLIGI TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

KAPITOLU I

IL-VALURI TAL-LIMITU TAT-TOTAL TAN-NITROĠENU VOLATILI BAŻIKU (TVB-N) GĦAL ĊERTI KATEGORIJI TA' PRODOTTI TAS-SAJD U METODI TA' ANALIŻI LI GĦANDHOM JINTUŻAW

▼M3

1. Prodotti tas-sajd mhux ipproċessati għandhom jitqiesu bħala mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem meta l-valutazzjoni organoleptika tkun qajmet dubji dwar kemm dawn huma friski u l-verifiki kimiċi juru li l-limiti ta' TVB-N li ġejjin inqabżu:

   (a) 25 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċi msemmija fil-punt 1 tal-Kapitolu II;

   (b) 30 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċi msemmija fil-punt 2 tal-Kapitolu II;

   (c) 35 mg ta' nitroġenu/100 g ta' laħam għall-ispeċi msemmija fil-punt 3 tal-Kapitolu II;

   (d) 60 mg ta' nitroġenu/100 g ta' prodotti tas-sajd sħaħ użati direttament għall-preparazzjoni taż-żejt tal-ħuta għall-konsum mill-bniedem kif imsemmi fit-tieni sottoparagrafu tal-Parti B(1) tal-Kapitolu IV tat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; madankollu, meta l-materja prima tikkonforma mal-punti (a), (b) u (c) tal-Parti B(1) ta' dak il-Kapitolu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limiti f'livell ogħla għal ċerti speċi sakemm tiġi stabbilita leġiżlazzjoni Komunitarja speċifika.

   Il-metodu ta' referenza li jrid jintuża għall-verifikazzjoni tal-limiti TVB-N jinvolvi d-distillazzjoni ta' estratt deproteinizzat permezz ta' aċtu perkloriku kif stabbilit fil-Kapitolu III.

▼B

2. Id-distillazzjoni kif imsemmija fil-punt 1 għandha ssir bl-użu ta' apparat li huwa konformi mad-disinn fil-Kapitolu IV.

3. Il-metodi ta' rutina li jistgħu jintużaw biex ikun ikkontrollat il-limitu TVB-N huma kif ġej:

   — il-metodu ta' mikro-diffużjoni deskritt minn Conway u Byrne (1933),

   — il-metodu ta' distillazzjoni diretta deskritta minn Antonacopoulos (1968),

   — id-distillazzjoni ta' estratt mingħajr proteini bl-aċidu triklorаċetiku (Kumitat tal-Codex Alimentarius dwar il-Ħut u l-Prodotti tas-Sajd (1968).

4. Il-kampjun għandu jikkonsisti minn madwar 100 g ta' laħam, meħud mill-inqas minn tliet punti differenti u mħallat flimkien permezz tat-tħin.

   L-Istati Membri għandhom jirrikkmandaw li laboratorji uffiċjali jużaw, bħala rutina, il-metodu ta' referenza msemmi hawn fuq. Fejn ir-riżultati jkunu dubjużi jew fil-każ ta' disputa dwar ir-riżultati ta' analiżi li jsiru b'wieħed mill-metodi ta' rutina, jista' jintuża biss il-metodu ta' referenza għall-iċċekkjar tar-riżultati.

KAPITOLU II

KATEGORIJI TA' L-ISPEĊI LI GĦALIHOM HUMA STABBILITI L-VALURI TAL-LIMITU TA' TVNN-B

1. *Sebastes* spp., *Helicolenus dactylopterus*, *Sebastichthys capensis*.

▼B

2. L-ispeċi li tappartjeni għall-familja *Pleuronectidae* (bl-eċċezzjoni tal-ħalibatt: *Hippoglossus* spp.).

3. *Salmo salar*, l-ispeċi li tappartjeni għall-familja *Merlucciidae*, l-ispeċi li tappartjeni għall-familja *Gadidae*.

KAPITOLU III

DETERMINAZZJONI TAL-KONĊENTRAZZJONI TA' TVB-N FIL-ĦUT U L-PRODOTTI TAS-SAJD

Proċedura ta' referenza

1. *Skop u ambitu ta' applikazzjoni*

Dan il-metodu jiddeskrivi proċedura ta' referenza għall-identifikazzjoni ta' konċentrazzjoni ta' nitroġenu ta' TVB-N fil-ħut u l-prodotti tas-sajd. Din il-proċedura hija applikabbli f'konċentrazzjonijiet ta' TVB-N ta' 5 mg/100 g sa mill-inqas 100 mg/100 g.

2. *Definizzjoni*

"Konċentrazzjoni ta' TVB-N" tfisser il-kontenut ta' nitroġenu ta' bażijiet volatili nitroġenużi kif determinati bil-proċedura deskritta.

Il-konċentrazzjoni għandha tkun espressa f'mg/100 g.

3. *Deskrizzjoni fil-qosor*

Il-bażijiet volativili nitroġenużi huma estratti minn kampjun permezz ta' soluzzjoni ta' 0,6 mol ta' aċidu perkloriku. Wara l-alkanizzazzjoni l-estratt jgħaddi minn distillazzjoni bil-fwar u l-komponenti bażiċi volatili jiġu assorbiti minn riċevitur ta' l-aċidu. Il-konċentrazzjoni ta' TVB-N hija ddeterminata bit-titrazzjoni tal-bażijiet assorbiti.

4. *Kimika*

Sakemm mhux indikat mod ieħor, għandha tintuża kimika tal-grad reaġent. L-ilma użat għandu jkun distillat jew demineralizzat u mill-anqas ta' l-istess purità. Sakemm mhux indikat mod ieħor, "soluzzjoni" tfisser soluzzjoni milwiena kif ġej:

(a) soluzzjoni ta' aċidu perkloriku = 6 g/100 ml;

(b) soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju = 20 g/100 ml;

(c) soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku 0,05 mol/l ((0,05 N),

Nota: Meta jintuża apparat awtomatiku tad-distillazzjoni, it-titrazzjoni għandha sseħħ permezz ta' soluzzjoni standard ta' aċidu idrokloriku ta' 0,01 mol/l ((0,01 N);

(d) soluzzjoni ta' aċidu boriku = 3 g/100 ml;

(e) aġent tas-silikone għal kontra r-ragħwa;

(f) soluzzjoni ta' fenolftalin = 1 g/100 ml 95 % etanol;

(g) soluzzjoni indikatur (Indikatur Imħallat Tashiro) 2 g metil-aħmar u 1 g metilen-blu jiġu maħlula f'1 000 ml 95 % etanol.

5. *Strumenti u aċċessorji*

(a) Magna ta' l-ikkappuljat li tipproduċi kappuljat tal-ħut omoġenju biżżejjed.

(b) Blender b'veloċità għolja b'veloċità ta' bejn 8 000 u 45 000 dawra/min.

(c) Filtru skanalat, dijametru 150 mm, li jiffiltra malajr.

(d) Buretta, 5 ml, gradwata sa 0,01 ml.

(e) Apparat għad-distillazzjoni bil-fwar. L-apparat għandu jkun kapaċi jirregola diversi ammonti ta' fwar u jipproduċi ammont kostanti ta' fwar matul perjodu partikolari ta' żmien. Għandu jiżgura li matul iż-żieda ta' sustanzi alkalizzanti l-bażijiet ħielsa li jirriżultaw ma jistgħux jaħarbu.

▼B

6. *Eżekuzzjoni*

Twissija: Waqt l-użu ta' l-aċidu perkloriku, li huwa korroživ ħafna, għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa ta' prekawzjoni u prevenzjoni. Il-kampjuni għandhom, kemm-il darba huwa possibbli, jitħejjew mill-aktar fis possibbli wara l-wasla tagħhom, skond l-istruzzjonijiet li ġejjin:

(a) P r e p a r a z z j o n i t a l - k a m p j u n

Il-kampjun li għandu jiġi analizzat għandu jinħatan b'attenzjoni b'magna ta' l-ikkapuljat kif deskritt fil-punt 5(a). Jintiżnu eżattament 10 g ±0,1 g tal-kampjun miħun f'kontenitur adattat. Dan jitħallat ma' 90,0 ml ta' soluzzjoni ta' aċidu perkloriku kif speċifikat fil-punt 4(a), omoġenizzat għal żewġ minuti bi blender kif deskritt fil-punt 5(b), u mbagħad iffiltrat.

L-estratt hekk miksub jista' jinżamm għal ta' l-inqas sebat ijiem f'temperatura ta' bejn wieħed u ieħor 2 °C u 6 °C;

(b) D i s t i l l a z z j o n i b i l - f w a r

50,0 ml ta' l-estratt miksub skond il-punt (a) jitqiegħed f'apparat għad-distillazzjoni bil-fwar kif deskritt fil-punt 5(e). Għal verifika aktar tard fuq l-alkalinizzazzjoni ta' l-estratt, jiġu miżjuda diversi qtar ta' fenolftalin kif speċifikat fil-punt 4(f). Wara li jkunu miżjuda ftit qtar ta' aġent tas-silikone kontra r-ragħwa, jiġu miżjuda ma' l-estratt 6,5 ml ta' soluzzjoni ta' idrossidu tas-sodju kif speċifikat fil-punt 4(b) u d-distillazzjoni bil-fwar tibda minnufih.

Id-distillazzjoni bil-fwar hija regolata sabiex madwar 100 ml ta' distillat jiġu prodotti f'10 minuti. It-tubu tal-ħruġ tad-distillazzjoni jitgħaddas f'riċevitur b'100 ml ta' soluzzjoni ta' aċidu boriku kif speċifikat fil-punt 4(d), li miegħu jkunu ġew miżjuda bejn tlieta u ħames qatriet tas-soluzzjoni ta' l-indikatur kif deskritt fil-punt (4g). Wara 10 minuti eżatt, id-distillazzjoni tintemm. It-tubu tal-ħruġ tad-distillazzjoni jitneħħa mir-riċevitur u jinħasel bl-ilma. Il-bażijiet volatili li jkun hemm fis-soluzzjoni tar-riċevitur huma stabbiliti bit-titrazzjoni b'soluzzjoni standard ta' idrokloriku kif speċifikat fil-punt 4(c).

Il-pH tal-punt tat-tarf għandu jkun 5,0 ± 0,1.

(c) T i t r a z z j o n i

Huma meħtieġa analiżi duplikati. Il-metodu applikat huwa korrett jekk id-differenza bejn id-duplikati mhix ogħla minn 2 mg/100 g.

(d) B j a n k

Jitwettaq test in bjank kif deskritt fil-punt (b). Minflok l-estratt, jintużaw 50,0 ml ta' soluzzjoni ta' aċidu perkloriku kif speċifikat fil-punt 4(a).

7. *Kalkolu ta' TVB-N*

Bit-titrazzjoni tas-soluzzjoni li tirċievi bl-aċidu idrokloriku bħal fil-punt 4(c), il-konċentrazzjoni TVB-N hija kalkulata permezz ta' l-ekwazzjoni li ġejja:

$$\text{TVB} - \text{N (espress f'kampjun ta' mg/100 g)} = \frac{(V_1 - V_0) \times 0{,}14 \times 2 \times 100}{M}$$

V_1 = Volum ta' 0,01 mol ta' soluzzjoni ta' aċidu idrokloriku f'ml għall-kampjun

V_0 = Volum ta' 0,01 mol ta' soluzzjoni ta' aċidu idrokloriku f'ml għall-bjank

M = Piż tal-kampjun f'g.

▼B

Rimarki


1. Huma meħtieġa analiżi duplikati. Il-metodu applikat huwa korrett jekk id-differenza bejn id-duplikati mhix ogħla minn 2 mg/100 g.

2. Iċċekkja t-tagħmir permezz ta' soluzzjonijiet ta' distillar ta' NH_4Cl ekwivalenti għal 50 mg TVB-N/100 g.

3. Devjazzjoni standard ta' riproduċibilità S_r = 1,20 mg/100 g. Devjazzjoni standard ta' komparabilità S_R = 2,50mg/100 g.

KAPITOLU IV

APPARAT TA' DISTILLAZZJONI BIL-FWAR GĦAT-TVB-N



▼B

ANNESS III

METODI RIKONOXXUTI TA' ANALIŻI GĦALL-ISKOPERTA TA' BIJOTOSSINI MARINI

Il-metodi analitiċi li ġejjin għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti biex jiċċekkjaw il-konformità mal-limiti stipulati fil-Kapitolu V(2) tas-Sezzjoni VII ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u, fejn xieraq, mill-operaturi fin-negozju ta' l-ikel.

Skond l-Artikolu 7(2) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE ([1]), elementi ta' sostituzzjoni, titjib u tnaqqis għandhom jiġu kkunsidrati meta jintużaw metodi bijoloġiċi.

▼M12

KAPITOLU I

IL-METODU GĦAS-SEJBIEN TAL-VELENU PARALITIKU TAL-FROTT TAL-BAĦAR (PSP)

1. Il-kontenut ta' velenu paralitiku tal-frott tal-baħar (PSP) fil-partijiet tal-molluski li jittieklu (il-ġisem sħiħ jew kwalunkwe parti tal-ġisem li tittiekel separatament) irid jiġi identifikat skont il-metodu ta' ttestjar bijoloġiku jew kwalunkwe metodu ieħor rikonoxxut internazzjonalment.

2. Jekk ir-riżultati jiġu kkontestati, il-metodu ta' referenza għandu jkun l-hekk imsejjaħ metodu Lawrence kif ippubblikat fil-Metodu Uffiċjali 2005.06 tal-AOAC (*Paralytic Shellfish Poisoning Toxins in Shellfish*).

▼M2

KAPITOLU II

METODU GĦAS-SEJBA TA' VELENU AMNESIKU FIL-FROTT TAL-BAĦAR (ASP)

Il-kontenut totali ta' velenu amnesiku fil-frott tal-baħar (ASP) fil-partijiet ta' molluski li jittieklu (il-ġisem kollu jew kwalunkwe parti separata) għandu jinstab permezz ta' l-użu tal-metodu kromatografiku likwidu ta' rendiment għoli (HPLC) jew kwalunkwe metodu ieħor internazzjonali rikonoxxut.

Madankollu, għall-finijiet ta' *screening*, jista' jintuża wkoll il-metodu 2006.02 ASP ELISA kif ippubblikat fil-Ġurnal AOAC ta' Ġunju 2006 għas-sejba tal-kontenut totali ta' ASP fil-partijiet tal-molluski li jittieklu.

Jekk ir-riżultati jiġu kkontestati, il-metodu ta' riferiment għandu jkun il-metodu HPLC.

▼M5

KAPITOLU III

METODI BIEX JINSTABU TOSSINI LIPOFILIĊI

A. **Il-metodoloġija kimika**

(1) Il-metodu EU-RL LC-MS/MS għandu jkun il-metodu ta' referenza biex jinstabu tossini marini kif jissemma fil-Kapitolu V(2)(c), (d) u (e) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Dan il-metodu għandu jistabbilixxi tal-inqas il-komposti li ġejjin:

— tossini tal-grupp tal-aċidu okadajku: OA, DTX1, DTX2, DTX3 inklużi l-esteri tagħhom,

([1]) ĠU L 358, 18.12.1986, p. 1.

▼M5

— tossini tal-grupp tal-pettenotossini: PTX1 u PTX2,

— tossini tal-grupp tal-jessotossini: YTX, 45 OH YTX, homo YTX, u 45 OH homo YTX,

— tossini tal-grupp tal-ażaspiraċidi: AZA1, AZA2 u AZA3,

(2) L-ekwivalenza totali ta' tossiċità għandha titqies abbażi ta' fatturi ta' tossiċità ekwivalenti (TEFs) kif irrakkomandat mill-EFSA.

(3) Jekk jinstabu analogi ġodda importanti għas-saħħa pubblika, dawn għandhom jiġu inklużi fl-analiżi. L-ekwivalenza totali ta' tossiċità għandha titqies abbażi ta' fatturi ta' tossiċità ekwivalenti (TEFs) kif irrakkomandat mill-EFSA.

(4) Metodi oħra, bħalma hu l-metodu ta' kromatografija likwida (LC) spettrometrija tal-massa (MS), il-kromatografija likwida ta' prestazzjoni għolja (HPLC) b'sejbien xieraq, it-testijiet immunoloġiċi u dawk funzjonali, bħalma hu t-test tal-inibizzjoni tal-fosfataży, jistgħu jintużaw bħala alternattivi jew jikkomplementaw għall-metodu LC-MS/MS tal-EU-RL, u dan kemm-il darba:

(a) weħidhom jew ikkumbinati jkunu jistgħu jsibu tal-inqas l-analogi kif identifikati fil-punt A(1) ta' dan il-Kapitolu; aktar kriterji xierqa jiġu ddefiniti meta jkun jenħtieġ;

(b) dawn jissodisfaw il-kriterji tar-rendiment tal-metodu stipulati mill-EU-RL. Dawn il-metodi jridu jiġu validati b'mod intralaboratorju u jiġu ttestjati b'suċċess skont skema rikonoxxuta għal test tal-profiċjenza. L-EU-RL għandu jsostni l-attivitajiet li jwasslu għall-validazzjoni interlaboratorja tat-teknika għall-istandardizzazzjoni formali;

(c) l-implimentazzjoni tagħhom tipprovdi livell ekwivalenti ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika.

B. **Metodi bijoloġiċi**

(1) Biex l-Istati Membri jingħataw ħin jadattaw il-metodi tagħhom għall-metodu LC-MS/MS, kif iddefinit fil-punt A(1) ta' dan il-Kapitolu, sal-31 ta' Diċembru 2014 tista' tibqa' tintuża serje ta' proċeduri ta' testijiet bijoloġiċi fuq il-ġrieden li jkunu differenti fil-porzjon tat-test (l-epatopankreas jew il-ġisem sħiħ) u fis-solventi użati għall-estrazzjoni u l-purifikazzjoni, sabiex jinstabu tossini marini kif jissemma fil-Kapitolu V(2)(c), (d) u (e) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(2) Is-sensittività u s-selezzjoni tiddependi fuq l-għażla tas-solventi użati għall-estrazzjoni u l-purifikazzjoni u dan irid jitqies meta tittieħed deċiżjoni dwar il-metodu li jrid jintuża sabiex tkun koperta l-firxa sħiħa ta' tossini.

(3) Test bijoloġiku wieħed biss fuq il-ġrieden u li jinvolvi l-estrazzjoni tal-aċetun jista' jiġi użat biex jinstab l-aċidu okadajku, id-dinofiżistossini, l-ażaspiraċidi, il-pettenotossini u l-jessotossini. Dan it-test jista' jiġi kkomplementat, jekk ikun hemm bżonn, b'fażijiet ta' likwidu/separazzjoni ta' likwidu jew ilma/diklorometan sabiex jiġu eliminati interferenzi potenzjali.

(4) Għal kull test, għandhom jintużaw tliet ġrieden. Fejn żewġ ġrieden jew tlieta jmutu fi żmien 24 siegħa mill-inokulazzjoni b'estratt ekwivalenti għal 5 g fl-epatopankreas jew 25 g fil-ġisem sħiħ, dan għandu jitqies riżultat pożittiv għall-preżenza ta' tossina waħda jew aktar kif jissemma fil-Kapitolu V(2)(c), (d) u (e) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 fil-livelli li jkunu ogħla minn dawk stabbiliti.

▼M5

(5) Test bijoloġiku fuq il-ġrieden b'estratt tal-aċetun segwit minn likwidu/separazzjoni ta' likwidu bid-dietileter jista' jintuża sabiex jinstabu l-aċidu okadajku, id-dinofiżistossini, il-pettenotossini u l-ażarpiraċidi iżda ma jistax jintuża biex jinstabu l-jessotossini peress li dawn it-tossini jistgħu jintilfu matul l-istadju ta' separazzjoni. Għal kull test, għandhom jintużaw tliet ġrieden. Fejn żewġ ġrieden jew tlieta jmutu fi żmien 24 siegħa ta' inokulazzjoni b'estratt ekwivalenti għal 5 g fl-epatopankreas jew 25 g fil-ġisem sħiħ, dan għandu jitqies riżultat pożittiv għall-preżenza tal-aċidu okadajku, id-dinofiżistossini, il-pettenotossini u l-ażarpiraċidi f'livelli ogħla minn dawk stipulati fil-Kapitolu V(2)(c) u (e) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(6) It-test bijoloġiku fuq il-firien jista' jintuża biex jinstabu l-aċidu okadajku, id-dinofiżistossini u l-ażaspiraċidi. Għal kull test, għandhom jintużaw tliet firien. Jekk tirriżulta dijarea f'xi wieħed mit-tliet firien, dan għandu jitqies riżultat pożittiv għall-preżenza tal-aċidu okadajku, id-dinofiżistossini u l-ażaspiraċidi f'livelli ogħla minn dawk stipulati fil-Kapitolu V (2)(c) u (e) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

C. Wara l-perjodu stabbilit fil-punt B(1) ta' dan il-Kapitolu, it-test bijoloġiku fuq il-ġrieden għandu jintuża biss tul il-monitoraġġ perjodiku taż-żoni ta' produzzjoni u dawk tal-purifikazzjoni biex jinstabu tossini marini ġodda jew li mhumiex magħrufa abbażi tal-programmi nazzjonali ta' kontroll elaborati mill-Istati Membri.

▼B

ANNESS IV

KONTENUT TA' KALĊJU F'LAĦAM SEPARAT BIL-MAGNI

Il-kontenut ta' kalċju fl-MSM kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandu:

1. ma jaqbiżx 0,1 % (=100 mg/100 g jew 1 000 ppm) ta' prodott frisk;

2. jiġi determinat b'metodu internazzjonali standardizzat.

▼M9

ANNESS V

Listi ta' stabbilimenti approvati

KAPITOLU I

AĊĊESS GĦAL LISTI TA' STABBILIMENTI TAL-IKEL APPROVATI

Biex tgħin lill-Istati Membri jagħmlu l-listi aġġornati ta' stabbilimenti tal-ikel approvati disponibbli għall-Istati Membri oħra u għall-pubbliku, il-Kummissjoni għandha tipprovdi websajt fejn kull Stat Membru għandu jipprovdi link li jwassal għall-websajt nazzjonali tiegħu jew jinforma f'każ li dawn il-listi jiġu ppubblikati permezz tas-sistema TRACES.

KAPITOLU II

FORMAT GĦAL WEBSAJTS NAZZJONALI

A. **Indiċi**

1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'indirizz ta' link li jwassal għall-websajt nazzjonali li fiha l-indiċi tal-listi tal-istabbilimenti tal-ikel approvati għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali kif definit fil-punt 8.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

2. L-indiċi msemmi fil-punt 1 għandu jikkonsisti minn paġna waħda u għandu jkun f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Unjoni.

B. **Disinn operattiv**

1. Il-websajt li fiha l-indiċi għandha tkun żviluppat mill-awtorità kompetenti jew, fejn ikun xieraq, minn waħda mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. L-indiċi għandu jinkludi links għal:

   (a) paġni web oħra li jinsabu fl-istess websajt;

   (b) fejn ċerti listi ta' stabbilimenti tal-ikel approvati mhumiex miżmuma mill-awtorità kompetenti msemmija fil-punt 1, websajts amministrati minn awtoritajiet, unitajiet jew, fejn xieraq, entitajiet kompetenti oħra.

C. **Elenkar permezz tas-sistema TRACES**

B'deroga mill-Partijiet A u B, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu l-listi permezz tas-sistema TRACES.

KAPITOLU III

PREŻENTAZZJONI U KODIĊIJIET GĦALL-LISTI TAL-ISTABBILIMENTI APPROVATI

Għandhom jiġu stabbiliti preżentazzjonijiet, li jinkludu tagħrif u kodiċijiet rilevanti, biex tkun żgurata disponibbiltà wiesgħa tat-tagħrif li jikkonċerna l-istabbilimenti tal-ikel approvati, u biex il-listi jkunu jistgħu jinqraw aħjar.

KAPITOLU IV

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

Il-kompiti u l-attivitajiet imsemmija fil-Kapitoli II u III jitwettqu skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ppubblikati mill-Kummissjoni.

▼M1

ANNESS VI

▼M6

MUDELLI TAĊ-ĊERTIFIKATI TAS-SAĦĦA U TAD-DOKUMENTI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI

SEZZJONI I

▼M10

_____

▼M6

KAPITOLU IV

PRODOTTI TAS-SAJD

Iċ-ċertifikat tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd għandu jkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Appendiċi IV ta' dan l-Anness.

KAPITOLU V

MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN

Iċ-ċertifikat tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 6(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-importazzjonijiet tal-molluski bivalvi ħajjin għandu jkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Appendiċi V ta' dan l-Anness.

▼M10

_____

▼M6

SEZZJONI II

MUDELL TAD-DOKUMENT LI JRID JIĠI FFIRMAT MILL-KAPTAN

Il-mudell tad-dokument li għandu jiġi ffirmat mill-kaptan, u li jista' jissostitwixxi dak meħtieġ skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 meta l-prodotti tas-sajd iffriżati jiġu importati direttament minn bastiment tal-friża, kif previst fl-Artikolu 15(3) ta' dak ir-Regolament, għandu jikkonforma mal-mudell tad-dokument stipulat fl-Appendiċi VII ta' dan l-Anness.

▼M10

_____

▼M7

Appendiċi IV mal-Anness VI

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum mill-bniedem

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz tat-trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-Ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-Prodott (Kodiċi HS)	
		I.20. Kwantità	
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat ☐		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-siġill/kontenitur		I.24. Tip ta' imballaġġ	
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Konsum mill-bniedem ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

▶(1) I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-prodott	Tip ta' trattament	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura	Għadd ta' pakketti	Piż nett ◀

▶(1) C1

▼M7

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. ([1]) **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li jiena konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u niċċertifika li l-prodotti tas-sajd deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

— ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

— inqabdu u ġew ittrattati abbord bastimenti, twasslu l-art, ġew ittrattati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, ħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima VIII, tal-Kapitoli I sa IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VIII, tal-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

— ġew imballati, maħżuna u ttrasportati f'konformità mat-Taqsima VIII, tal-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— ġew immarkati skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti li joriġinaw minnhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, stipulati mill-pjanijiet dwar ir-residwi li tressqu skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati; kif ukoll

— għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stipulati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

II.2. ([2]) ([4]) **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-ħut u l-krustaċji li joriġinaw mill-akkwakultura**

II.2.1. ([3]) ([4]) **[Rekwiżiti għall-ispeċijiet suxxettibbli għan-nekrosi ematopojetika epiżotika (EHN), is-sindromu Taura u l-marda Yellowhead**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew il-prodotti li joriġinaw minnhom imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

([5]) joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarat/a ħieles/ħielsa mill- ([4]))[EHN] ([4]) [is-sindromu Taura] ([4]) [il-marda Yellowhead] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,

(i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti għandhom jiġu investigati minnufih mill-awtorità kompetenti,

(ii) id-dħul kollu ta' speċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti ġej kollu minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda, u

(iii) l-ispeċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti]

II.2.2. ([3]) ([4]) **[Rekwiżiti għall-ispeċijiet suxxettibbli għas-settiċemija emorraġika virali (VHS), in-nekrożi ematopojetika li tinfetta (IHN), l-anemija tas-salamun li tinfetta (ISA), il-marda bil-vajrus erpete tal-Koi (KHV) u l-marda tal-White spot maħsuba għal Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-mard jew suġġetti għal sorveljanza jew programm ta' qerda għall-marda rilevanti**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew il-prodotti li joriġinaw minnhom imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

([6]) joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-(4)[VHS], (4)l-[IHN], ([4]) l-[ISA], ([4]) il-[KHV], ([4]) [ISA] ([4]) [KHV] ([4]) il-[marda tal-White spot] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi,

(i) fejn il-mard rilevanti huwa notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni tal-mard rilevanti għandhom jiġu investigati minnufih mill-awtorità kompetenti,

(ii) l-introduzzjonijiet kollha ta' speċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda, u

(iii) l-ispeċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti]

II.2.3. **Rekwiżiti għall-ġarr u l-ittikkettar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.2.3.1. l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq jinsabu taħt kundizzjonijiet, inkluża l-kwalità tal-ilma, li ma jibdlux l-istatus tas-saħħa tagħhom;

II.2.3.2. il-kontejner tal-ġarr jew bastiment mafqas (bastiment mgħammar b'tank għall-ġarr ta' annimali akkwatiċi ħajjin (well boat)) qabel it-tgħabbija hu nadif u diżinfettat jew qatt ma ntuża; kif ukoll

▼M7

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
II.2.3.3.	il-kunsinna hi identifikata minn tikketta li tinqara fuq in-naħa ta' barra tal-kontejner, jew meta tinġarr minn bastiment mafqas (well boat), fil-manifest tal-vapur, bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi minn I.7 sa I.11 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni: "(4) **[Ħut]** (4) **[Krustaċji] maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni"**.		

Noti:

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: Għal molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati, indika ż-żona tal-produzzjoni.

— Kaxxa ta' referenza I.11: Pajjiż tal-oriġini: isem u indirizz tal-istabbiliment li qed jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontenituri u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplani) jew isem (vapuri). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċijiet rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali tal-intestaturi li ġejjin: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 05.11, 15.04, 1516, 1518., 1603, 1604, 1605 jew 2106.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/Siġill: Indika kull fejn issib numru tas-serje tas-siġill.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Natura tal-prodott:* Speċifika jekk joriġinax mill-akkwakultura jew mill-baħar ħieles.

Tip ta' trattament: Speċifika jekk hux ħaj, iffriżat jew ipproċessat.

Impjant tal-manifattura: jinkludi bastiment fabbrika, bastiment friża, maħżen imkessaħ, impjant tal-ipproċessar.

Part II:

(1) Il-Parti II.I ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(2) Il-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax għal:

(a) krustaċji mhux vijabbli, li tfisser krustaċji li mhumiex kapaċi jgħixu bħala annimali ħajjin jekk jittieħdu lura fl-ambjent minn fejn inġabu,

(b) ħut li jinqatel u li jitneħħielu l-intern qabel il-kunsinna,

(c) annimali tal-akkwakultura u l-prodotti li joriġinaw minnhom, li jitqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, sakemm dawn huma ppakkjati f'imballaġġi tal-bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet għal tali imballaġġi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(d) krustaċji maħsuba għall-istabbilimenti tal-ipproċessar awtorizzati skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, jew għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' purifikazzjoni jew negozji simili mgħammra b'sistema li tittratta l-ħmieġ mitfugħ 'il barra li tista' tagħmel lill-patoġeni kkonċernati inattivi, jew fejn il-ħmieġ huwa soġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli,

(e) krustaċji maħsuba għal aktar proċessar qabel ma jiġu kkonsmati mill-bniedem mingħajr ħżin temporanju fuq il-post tal-ipproċessar u ppakkjati u ttikkettjati għal dak l-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) Il-Partijiet II.2.1 u II.2.2 ta' dan iċ-ċertifikat japplikaw biss għall-ispeċijiet suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard imsemmija fl-intestatura tal-parti kkonċernata. L-ispeċijiet suxxettibbli huma mniżżla fl-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

(4) Żomm kif inhu xieraq.

(5) Għal kunsinni tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-EHN, għas-sindromu Taura u/jew għall-marda Yellowhead, din id-dikjarazzjoni għandha tinżamm għall-kunsinna li għandha tiġi awtorizzata fi kwalunkwe parti tal-Unjoni.

▼M7

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(6) Biex jiġu awtorizzati fi Stat Membru, żona jew kompartiment (il-kaxxi I.9 u I.10 tal-Parti I taċ-ċertifikat) iddikjarati ħielsa mill-VHS, l-IHN, l-ISA, il-KHV jew il-marda Whitespot jew b'sorveljanza jew programm ta' qerda mfassal skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda mid-dikjarazzjonijiet għandha tinżamm jekk il-kunsinna fiha speċijiet suxxettibbli għall-mard(a) li għalih(a) t/japplika l-ħelsien mill-mard jew il-programm(i). Id-dejta dwar l-istatus tal-mard ta' kull farm u ż-żona tat-trobbija tal-molluski fl-Unjoni hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm.

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ispettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M4

Appendiċi V tal-Anness VI

IL-PARTI A

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA GĦAL IMPORTAZZJONIJIET TAL- MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, L-EKINODERMI, IT-TUNIKATI U L-GASTROPODI TAL-IBĦRA MAĦSUBA GĦALL-KONSUM UMAN

PAJJIŻ **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I : Dettalji tal-kunsinja mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.Nru			I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza	I.2.a	
			I.3. Awtorita ċentrali kompetenti		
			I.4. Awtorita lokali kompetenti		
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi Postali Tel.Nru			I.6.		
I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Pajjiż ta' oriġini Isem Numru approvat Indirizz			I.12.		
I.13. Post ta' tgħabija			I.14. Data ta' tluq		
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐ Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi Dokumentarji:			I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.		
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott			I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN) **03 07**		
			I.20. Kwantità		
I.21. Temperatura ta' prodotti Ambjent ☐ Mkessaħ ☐ Friżat ☐			I.22. Numru ta' pakketti		
I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill			I.24. Tip ta' ippakkettar		
I.25. Prodotti iċċertifikati Konsum uman ☐					
I.26.			I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐		
I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti Speċi (Isem xjentifiku) Numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti impjant tal-manifattura Numru ta' pakketti Piż nett					

▼M4

PAJJIŻ **Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, it- tunikati u l-gastropodi tal-ibħra**

	II.	Attestazzjoni tas-saħħa	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
IL-Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1	(1)**Attestazzjonijiet tas-saħħa pubblika għall-molluski bivalvi ħajjin, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gastropodi tal-ibħra** Jien, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niddikjara li jiena konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u niċċertifika li (4)[l-molluski bivalvi ħajjin] (4)[l-ekinodermi ħajjin] (4)[it-turnikati ħajjin] (4)[il-gastropodi tal-ibħra ħajjin] deskritti hawn fuq ġew prodotti skond dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li: — ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skondt ir-Regolament (KE) Nru 852/2004; — inħasdu, fejn meħtieġ jingħaddu jew jiġu ttrasportati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli I u II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — ġew ittrattati, fejn meħtieġ purifikati u ppakkjati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VII, tal-Kapitolu V tal-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel; — ġew ippakkjati, maħżuna u ttrasportati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — ġew immarkati u ttikkettjati skond it-Taqsima I tal-Anness II u t-Taqsima VII, tal-Kapitolu VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; — f'każ ta' *pectinidae* maħsuda barra ż-żoni ta' produzzjoni kklassifikati, jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stipulati fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u — għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.		
	II.2	(2)(4)**Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-molluski bivavli ħajjin li joriġinaw mill-akkwakultura**		
	II.2.1	(3)(4)**[Rekwiżiti għall-ispeċi suxxettibbli għall-***Bonamia exitiosa*, il-*Perkinsus marinus* u l-*Microcytos mackini* Jiena, l-ispettur uffiċjali li ismi huwa mniżżel hawn taħt, b'dan niċċertifika li l-molluski bivalvi ħajjin imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat: (5)joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-(4)[*Bonamia exitiosa*] (4)[*Perkinsus marinus*] (4)[*Mikrocytos mackini*] skond il-Kapitolu VIII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi, — fejn il-mard rilevanti jingħarraf lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjonijiet tal-marda rilevanti jistħarrġu minnufih mis-servizzi uffiċjali, u — l-introduzzjonijiet kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda.]		
	II.2.2	(3)(4)**[Rekwiżiti għal speċi suxxettibbli għall-*Marteilia refringens* u l-*Bonamia ostreae* maħsuba għal Stat Membri, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-mard jew suġġetti għal sorveljenza jew programm ta' qerda għall-marda rilevanti** Jien, l-ispettur uffiċjali li ismi jidher imniżżel hawn taħt, b'dan niċċertifika li l-mollusku bivalvi ħajjin imsemmija hawn fuq: (6)joriġinaw minn pajjiż/territorju, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa mill-(4)[*Marteilia refringens*] (4)[*Bonamia ostreae*] skont il-Kapitolu VIII tad-Direttiva 2006/88/KE jew l-Istandard OIE rilevanti mill-awtorità kompetenti ta' pajjiżi, (i) fejn il-mard rilevanti jingħarraf lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjonijiet tal-marda rilevanti jistħarrġu minnufih mis-servizzi uffiċjali, u (ii) l-introduzzjonijiet kollha ta' speċi suxxettibbli għall-mard rilevanti ġejjin minn żona ddikjarata ħielsa mill-marda.]		
	II.2.3	**Ħtiġijiet ta' trasport u ttikettjar** Jien, il-veterinarju uffiċjali li ismi jidher imniżżel hawn taħt, b'dan niċċertifika li:		
	II.2.3.1	il-molluski bivalvi ħajjin imsemmija hawn fuq huma mqiegħda taħt kondizzjonijiet, inkluż il-kwalità tal-ilma, li ma jbiddlux l-istat ta' saħħithom,		
	II.2.3.2	til-kontejner tat-trasport jew kontenitur ssiġillat li ma jidħolx ilma fih qabel it-tgħabbija hu nadif u diżinfettat jew qatt ma ġie użat; u		
	II.2.3.3	il-kunsinna hi identifikata minn tikketta li tinqara fuq in-naħa ta' barra tal-mikrokontejner, jew meta tinġarr minn kontejner issiġillat li ma jidħolx ilma fih, fil-manifest tal-bastiment, bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi I.7 sa I.11 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni: 'Molluski bivalvi ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fil-Komunità'.		

▼M4

PAJJIŻ **Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, it-tunikati u l-gastropodi tal-ibħra**

II. Attestazzjoni tas-saħħa	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Il-Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: indika ż-żona ta' produzzjoni.

— Kaxxa ta' referenza I.11.: Post tal-oriġini: isem u indirizz tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa ta' referenza I.15: Numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), numru tat-titjira (ajruplan) jew isem (vapur). Għandu jingħata tagħrif separat fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tal-kontejner/siġill: Indika kull fejn issib numru tas-serje tas-siġill.

— Kaxxa ta' referenza I.28: Impjant tal-manifattura: inkluż iċ-ċentru tad-dispaċċ, iċ-ċentru ta' purifikazzjoni.

IL-Parti II:

(1) Il-Parti II.I ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi Ftehimiet ta' Ekwivalenza jew leġislazzjoni Komunitarja oħra.

(2) Il-Parti II.2 ma tapplikax għal:

(a) molluski mhux vijabbli, li tfisser molluski li mhumiex kapaċi jgħixu bħala annimali ħajjin jekk jittieħdu lura fl-ambjent minn fejn inġabu;

(b) molluski bivalvi ħajjin li tqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar proċessar, dment li jkunu ppakkjati f'imballaġġi tal-bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet għal tali imballaġġi fir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(c) molluski bivalvi ħajjin maħsuba għall-istabbilimenti tal-ipproċessar awtorizzati skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, jew għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' purifikazzjoni jew negozji simili mgħammra b'sistema li tittratta l-ħmieġ mitfugħ 'il barra li tista' tagħmel lill-patoġeni konċernati inattivi, jew fejn il-ħmieġ huwa soġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli,

(d) molluski bivalvi ħajjin maħsuba għal aktar proċessar qabel ma jiġu kkonsmati mill-bniedem mingħajr ħżin temporanju fuq il-post tal-ipproċessar u ppakkjati u ttikkettjati għal dak il-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) Il-Partijiet II.2.1 u II.2..2 japplikaw biss għall-ispeċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mard imsemmija fit-titlu. L-ispeċi suxxettibbli huma mniżżla fl-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

(4) Żomm kif xieraq.

(5) Għall-kunsinni tal-ispeċi suxxettibbli għall-*Bonamia exitiosa*, il-*Perkinsus marinus* u l-*Microcytos mackini*, din id-dikjarazzjoni għandha tinżamm għall-kunsinna li għandha tiġi awtorizzata fi kwalunkwe parti tal-Komunità.

(6) Biex jiġu awtorizzati fi Stat Membru, żona jew kompartiment (il-kaxxi I.9 u I.10 tal-Parti I taċ-ċertifikat) iddikjarati ħielsa mill-*Marteilia refringens* jew il-*Bonamia ostreae* jew b'sorveljanza jew programm ta' qerda stabbilit skond l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda mid-dikjarazzjonijiet għandha tinżamm jekk il-kunsinna fiha speċijiet suxxettibbli għall-mard(a) li għalihom j/tapplika l-ħelsien mill-mard jew il-programm(i). Dejta dwar l-istatus tal-marda ta' kull razzett jew żoni ta' trobbija tal-molluski fil-Komunità hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm

— Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

Spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M1

PARTI B

MUDELL ADDIZZJONALI TA' L-ATTESTAZZJONI TAS-SAĦĦA GĦAL MOLLUSKI BIVALVI PPROĊESSATI LI JAPPARTJENU GĦALL-ISPEĊJE *ACANTHOCARDIA TUBERCULATUM*

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-molluski bivalvi pproċessati ta' l-ispeċje *Acanthocardia tuberculatum*, iċċertifikati fiċ-ċertifikat tas-saħħa bin-Nru ta' referenza: .....

1. inġabru f'żoni ta' produzzjoni identifikati b'mod ċar, immonitorjati u awtorizzatti mill-awtorità kompetenti għall-għan tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ([1]), u fejn il-livell ta' PSP fil-partijiet li jittieklu ta' dawn il-molluski huwa ta' inqas minn 300 µg għal kull 100g ;

2. ġew trasportati f'kontenituri jew vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti, direttament lejn l-istabbiliment:

   .....

   .....
   (l-isem u n-numru ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment, awtorizzat b'mod speċjali mill-awtorità kompetenti biex iwettaq it-trattament tagħhom)

3. kienu akkumpanjati matul it-trasport lejn dan l-istabbiliment minn dokument maħruġ mill-awtorità kompetenti li jawtorizza t-trasport, jiċċertifika n-natura u l-kwantità tal-prodott, iż-żona ta' l-oriġini u l-istabbiliment tad-destinazzjoni;

4. ġew soġġetti għat-trattament bis-sħana msemmi fl-Anness tad-Deċiżjoni 96/77/KE ;

5. ma fihomx livell ta' PSP rilevabbli permezz tal-metodu ta' bijoanaliżi, kif muri fir-rapport(i) analitiku/analitiċi mehmuż(a) tat-test imwettaq fuq kull lott inkluż fil-kunsinna koperta minn din l-attestazzjoni.

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-awtorità kompetenti vverifikat li l-kontrolli "tas-saħħa proprja" ("*own health*") implimentati fl-istabbiliment imsemmi fil-punt 2 huma applikati b'mod speċifiku għat-trattament bis-sħana msemmi fil-punt 4.

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li hu/hi jaf/taf bid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 96/77/KE u li r-rapport(i) analitiku/analitiċi mehmuż(a) jikkorrispondi/jikkorrispondu mat-test imwettaq fil-prodotti wara l-ipproċessar.

Spettur uffiċjali	
Nom (en majuscules):	Kwalifika u titlu:
Data:	Firma: Timbru:
Isem (b'ittri kbar):	


▼M10

([1]) Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼M6

Appendiċi VII tal-Anness VI

MUDELL TAD-DOKUMENT, LI GĦANDU JIĠI FFIRMAT MILL-KAPTAN, U LI JAKKUMPANJA L-IMPORTAZZJONIJIET META L-PRODOTTI TAS-SAJD IFFRIŻATI JIĠU IMPORTATI DIRETTAMENT FL-UNJONI EWROPEA MINN BASTIMENT TAL-FRIŻA



▼M6

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd**

Parti II: Ċertifikazzjoni

I.(a)	**Tagħrif ieħor** Żona/i tas-sajd: In-numru tal-IMO/Lloyd's (jekk inħareġ) jew is-sinjal tar-radju tal-bastiment: Perjodu tas-Sajd: Data tal-bidu: …/…/… Data tat-tmiem: …/…/…		
II.	Attestazzjoni tas-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li

— il-bastiment huwa fil-lista ta' bastimenti li l-importazzjonijiet minnhom lejn l-Unjoni Ewropea huma permessi (huwa 'EU-listed');

— il-bastiment għandu programm ibbażat fuq il-prinċipji HACCP għall-kontroll tal-perikli;

— il-parti tal-bastiment fejn ikun hemm il-prodotti tas-sajd, it-tagħmir, il-kontenituri u l-ħżin fil-kesħa tal-prodotti tas-sajd jinżammu nodfa u f'kundizzjoni tajba;

— il-prodotti tas-sajd tħarsu mill-kontaminazzjoni u mill-effetti tax-xemx jew kull sors ieħor tas-sħana malajr kemm jista' jkun wara li jkunu ttellgħu abbord, u ttrattati b'tali mod biex ma jkollhomx daqqiet jew ħsara oħra;

— il-prodotti tas-sajd ma ġewx ikkontaminati bil-fjuwil, bl-ilma tas-sentina jew b'organiżmi ta' ħsara;

— il-qtil, l-iżvinar, il-qtugħ tar-ras, it-tneħħija tal-ġewwieni u tal-ġwienaħ saru b'mod kemm jista' jkun iġeniku u malajr kemm jista' jkun wara li nqabdu u l-prodotti nħaslu immedjatament u bir-reqqa. Il-vixxri u l-partijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa pubblika tneħħew kemm jista' jkun malajr u nżammu apparti mill-prodotti intiżi għall-konsum mill-bniedem.

— intuża biss ilma baħar nadif bħala alternattiva għall-ilma ħelu għat-trattament u l-ħasil tal-prodott tas-sajd;

— il-prodotti tas-sajd ġew soġġetti għal eżami viżiv għall-parassiti viżibbli, u l-prodotti tas-sajd li jidhru li jkunu kkontaminati bil-parassiti ma tqegħdux fis-suq għall-konsum mill-bniedem;

— il-prodotti ġew iffriżati b'mod iġeniku kemm jista' jkun malajr wara li nqabdu;

— il-prodotti tas-sajd iffriżati nżammu f'temperatura ta' mhux iktar minn – 18 °C fil-partijiet kollha tal-prodott, ħlief il-ħut sħiħ li fil-bidu ġie ffriżat fis-salmura għall-manifattura tal-ikel fil-landa u li jista' jinżamm f'temperatura ta' mhux iktar minn – 9 °C;

— il-blokok iffriżati tgeżwru b'mod iġeniku u xieraq qabel il-ħatt;

— il-pakketti ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni li tindika n-numru tal-approvazzjoni tal-bastiment tal-friża u l-istat tal-bandiera;

— il-materjal tat-tgeżwir mhuwiex sors ta' kontaminazzjoni u nħażen b'tali mod li ma kienx espost għal riskju ta' kontaminazzjoni.

Noti parti I:

— Il-Kaxxa I.1: Isem u indirizz (triq, belt u reġjun/provinċja/stat, skont il-każ), numru tat-telefown u tal-faks jew l-indirizz elettroniku tas-sid/ir-responsabbli tal-bastiment.

— Il-Kaxxa I.2: Numru uniku tad-dokument skont il-klassifika tiegħek stess.

— Il-Kaxxa I.5:

L-isem u l-indirizz (triq, belt u kodiċi postali) ta'

— il-persuna fiżika jew legali li l-konsenja tkun importata direttament lilha fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

▼M6

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd**

— Il-Kaxxa I.2: Numru uniku tad-dokument skont il-klassifika tiegħek stess.

— Il-Kaxxa I.11: L-isem tal-bastiment tal-friża u n-numru tal-approvazzjoni kif elenkat skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 minn fejn il-prodotti tas-sajd jiġu importati direttament.

— Il-Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana fil-Kapitlu 03.03:

— Il-Kaxxa I.20: Il-piż nett totali f'kilogrammi bħala somma minn I.28.

— Il-Kaxxa I.22: Somma minn I.28.

— Il-Kaxxa I.25: Immarka l-kaxxa 'Konsum mill-bniedem'.

— Il-Kaxxa I.27: Immarka l-kaxxa jekk id-destinazzjoni finali tkun l-UE.

— Il-Kaxxa I.28: Niżżel l-ispeċijiet varji bl-isem xjentifiku, l-għadd ta' pakketti u l-piż nett.

Kaptan tal-bastiment tal-friża

Isem (b'ittri kapitali):

Data: Firma:

Timbru:

▼M11

Appendiċi VIII tal-Anness VI

Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għal prodotti tas-sajd maħsuba għall-konsum uman maqbuda minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru u li jiġu trasferiti f'pajjiżi terzi bil-ħażna jew mingħajrha

Ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Numru tat-telefown			I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
			I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
			I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Numru tat-telefown			I.6.	
I.7. Pajjiż ta' oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun ta' oriġini	Kodiċi	I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Post ta' oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni/reġistrazzjoni Indirizz			I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz			I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' Trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Referenzi dokumentarji:			I.16. BIP ta' dħul fl-UE	
			I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi HS):
				I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodott Ambjentali ☐		Imkessaħ ☐	Iffriżat ☐	I.22. Għadd ta' imballaġġi

▼**M11**

I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur				I.24. Tip ta' imballaġġ
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Konsum uman ☐				
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐		
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott				
Speċi (Isem xjentifiku)	Tip ta' Trattament	Numru(i) tal-approvazzjoni/tar-reġistrazzjoni tal-bastiment(i) (*)	Numru ta' imballaġġi	Piż nett

▼M11

PAJJIŻ **Prodotti tas-sajd ittrasferiti f'pajjiżi terzi**

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li jiena mgħarraf bid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u niċċertifika li l-prodotti tas-sajd deskritti hawn fuq

— ġew żbarkati u nħattu b'mod iġjeniku mill-bastiment(i) approvat(i)/reġistrat(i) ..... (niżżel in-numru(i) tal-approvazzjoni/tar-reġistrazzjoni u isem l-Istat(i) Membru(i) tal-bandiera) konformi mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kapitolu II tat-Taqsima VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— jekk applikabbli, inħażnu f'maħżen(imħażen) tal-friża approvat(i) ..... (niżżel in-numru(i) tal-approvazzjoni) konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-Kapitolu VII tat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— jekk applikabbli, tgħabbew b'mod iġjeniku fuq il-bastiment(i) approvat(i) ..... (niżżel in-numru(i) tal-approvazzjoni tal-Istat(i) Membru(i) jew tal-pajjiż(i) terz(i) u l-isem tal-Istat(i) Membru(i) tal-bandiera jew tal-pajjiż(i) terz(i)) konformi mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kapitolu I u VIII tat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— jekk applikabbli, tgħabbew f'kontejner ..... (niżżel in-numru tal-kontejner) jew fi trakk ..... (niżżel in-numru tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni tat-trakk jew tat-trejler) jew f'ajruplan ..... (niżżel in-numru tat-titjira) skont ir-rekwiżiti stipulati fil-Kapitolu VIII tat-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

— huma akkumpanjati minn kopja(i) stampata(i) (**) tal-ġurnal(i) ta' abbord dwar is-sajd jew il-partijiet rilevanti tiegħu/tagħhom (**)

(**) Jiġi aċċettat ukoll format elettroniku.

Noti

Parti I:

— Kaxxa ta' referenza I.7: Niżżel l-isem tal-pajjiż terz ta' dispaċċ.

— Kaxxa ta' referenza I.11: Post ta' oriġini: niżżel l-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-maħżen kiesaħ fil-pajjiż terz ta' dispaċċ, jew, f'każ li ma ssirx ħażna fil-maħżen kiesaħ, niżżel l-isem u n-numru tal-approvazzjoni jew ta' reġistrazzjoni tal-bastiment ta' oriġi

— Kaxxa ta' referenza I.15: Niżżel il-mezz ta' trasport li jitlaq mill-pajjiż terz ta' dispaċċ. F'każ ta' bastimenti friża/refriġeraturi, niżżel l-isem tal-bastiment, in-numru tal-approvazzjoni u tal-Istat tal-bandiera, f'każ ta' bastiment tas-sajd in-numru tar-reġistrazzjoni u l-Istat tal-bandiera. Jekk il-mezz ta' trasport huwa kontejner, trakk jew ajruplan iridu jitniżżlu l-istess indikazzjonijiet bħal fir-raba' inċiż tal-parti II.1.

— Kaxxa ta' referenza I.19: Uża l-kodiċijiet xierqa tas-Sistema Armonizzata (HS) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija tal- intestaturi li ġejjin: 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605, 2106

— Kaxxa ta' referenza I.23: Identifikazzjoni tan-numru tas-siġill/kontejner: In-numru tas-siġill tas-serje jrid jitniżżel biss jekk is-siġill twaħħal fuq il-kontejner taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikat.

— Kaxxa ta' referenza I.28: Tip ta' trattament: Speċifika jekk hux iċċiljat, iffriżat jew ipproċessat.

(*) jinkludi bastiment tas-sajd, bastiment fabbrika, bastiment friża u refriġeratur skont kif applikabbli.

Spettur uffiċjali

Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M1

ANNESS VIA

METODI GĦALL-ITTESTJAR TA' ĦALIB MHUX IPPROĊESSAT U ĦALIB TRATTAT BIS-SĦANA

KAPITOLU I

ID-DETERMINAZZJONI TAL-KONT TAL-PLATES U L-KONT TAĊ-ĊELLOLI SOMATIĊI

1. Meta jsiru l-kontrolli skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III, Taqsima IX, Kapitolu I, Parti III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, l-istandards li ġejjin għandhom ikunu applikati bħala metodi ta' referenza:

   (a) EN/ISO 4833 għall-kont tal-*plates* fi 30 °C;

   (b) ISO 13366-1 għall-kont taċ-ċelloli somatiċi.

2. L-użu ta' metodi analitiċi alternattivi huwa aċċettabbli:

   (a) għall-kont tal-*plates* fi 30 °C, meta l-metodi jiġu vvalidati skond il-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1(a) skond il-protokoll stabbilit fl-istandard EN/ISO 16140 jew protokolli simili oħrajn aċċettati internazzjonalment.

   B'mod partikolari ir-relazzjoni tal-konverżjoni bejn xi metodu alternattiv u l-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1(a) hija stabbilita skond l-istandard ISO 21187.

   (b) għall-kont taċ-ċelloli somatiċi, meta l-metodi jiġu vvalidati skond il-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1(b) skond il-protokoll stabbilit fl-ISO 8196 u meta operat skond l-istandard ISO 13366-2 jew protokolli simili oħrajn aċċettati internazzjonalment.

KAPITOLU II

ID-DETERMINAZZJONI TA' L-ATTIVITÀ TAL-PHOSPHATASE ALKALINI

1. Meta tkun qed tiġi ddeterminata l-attività tal-*phosphatase* alkalini, għandu jiġi applikat l-istandard ISO 11816-1 bħala l-metodu ta' referenza.

2. L-attività ta' *phosphatase* alkalini hija espressa bħala milliunità ta' l-attività ta' l-enżimi għal kull litru (mU/l). Unità waħda ta' l-attività tal-*phosphatase* alkalini hija l-ammont ta' l-enżima tal-*phosphatase* alkalini li tikkawża t-trasformazzjoni ta' mikromola waħda ta' substrat f'kull minuta.

3. Test tal-*phosphatase* alkalini huwa meqjus li jagħti riżultat negattiv jekk l-attività mkejla fil-ħalib tal-baqar ma tkunx għola minn 350 mU/l.

4. L-użu ta' metodi analitiċi alternattivi huwa aċċettabbli meta l-metodi jiġu vvalidati skond il-metodu ta' referenza msemmi fil-punt 1 skond protokolli aċċettati internazzjonalment.

▼M2

L-ANNESS VI b

REKWIŻITI APPLIKABBLI GĦALL-KONTROLLI UFFIĊJALI FL-ISPEZZJONI TA' LAĦAM

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   (a) "kundizzjonijiet ikkontrollati ta' akkomodazzjoni u sistemi integrati ta' produzzjoni" tfisser tip ta' biedja ta' l-annimali fejn l-annimali jinżammu taħt kundizzjonijiet li huma konformi mal-kriterji stipulati fl-Appendiċi;

   (b) "annimal żgħir bovin" tfisser annimal żgħir ta' kwalunkwe sess, li m'għandux aktar minn 8 xhur;

   (c) "annimal żgħir ovin" tfisser annimal ovin ta' kwalunkwe sess, li m'għandu l-ebda inċiżur permanenti ħiereġ mill-ħanek u li m'għandux aktar minn 12-il xahar;

   (d) "annimal żgħir kaprin" tfisser annimal kaprin ta' kwalunkwe sess, li m'għandux aktar minn 6 xhur;

   (e) "merħla" tfisser annimal jew grupp ta' annimali miżmuma f'impriża bħala unità epidemjoloġika; jekk iktar minn merħla waħda tkun miżmuma fuq waħda mill-impriżi, kull waħda minn dawn il-merħliet għandha tifforma unità epidemjoloġika distinta;

   (f) "impriża" tfisser kull stabbiliment, kostruzzjoni jew, fil-każ ta' razzett fil-miftuħ, kull post li jinsab ġewwa t-territorju ta' l-istess Stat Membru, li fih jinżammu, jitrabbew jew jitqandlu l-bhejjem;

   (g) "stabbiliment li jwettaq qtil mhux kontinwu jew attivitajiet mhux kontinwi ta' trattament tat-tjur" tfisser biċċerija jew stabbiliment li jittratta t-tjur magħżul/a mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi ta' riskju, li fih/a, b'mod partikolari, il-qtil jew l-attivitajiet ta' trattament tat-tjur ma jsiru la waqt il-jum kollu kemm hu ta' xogħol u lanqas waqt jiem sussegwenti ta' xogħol matul il-ġimgħa.

2. Spezzjonijiet ta' awtopsja fi stabbilimenti li jwettqu qtil mhux kontinwu jew attivitajiet mhux kontinwi ta' trattament tat-tjur.

   (a) Skond il-punt 2(b) tal-Kapitolu II tat-Taqsima III ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-veterinarju uffiċjali jista' ma jkunx preżenti l-ħin kollu tul l-ispezzjoni ta' l-awtopsja, sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

      (i) l-istabbiliment ikkonċernat huwa stabbiliment li jwettaq qtil mhux kontinwu jew attivitajiet mhux kontinwi ta' trattament tat-tjur u li għandu biżżejjed faċilitajiet biex jaħżen il-laħam b'anormalitajiet sakemm tkun tista' ssir spezzjoni finali ta' l-awtopsja mill-veterinarju uffiċjali;

      (ii) awżiljarju uffiċjali jwettaq l-attivitajiet ta' spezzjoni waqt l-awtopsja;

      (iii) il-veterinarju uffiċjali huwa preżenti fl-istabbiliment mill-inqas darba kuljum waqt l-attivitajiet tal-qatla jew wara li dawn ikunu diġà twettqu;

      (iv) l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet proċedura biex tevalwa fuq bażi regolari ir-rendiment ta' l-awżiljarji uffiċjali f'dawn l-istabbilimenti, inklużi:

         — s-sorveljanza ta' rendiment individwali,

         — il-verifika ta' dokumentazzjoni fir-rigward ta' sejbiet waqt l-ispezzjonijiet u tqabbil mal-karkassi korrispondenti,

         — il-kontrolli ta' karkassi fil-maħżen.

▼M2

(b) L-analiżi tar-riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti kif imsemmi fil-punt 1(g) biex jiġu identifikati l-istabbilimenti li jistgħu jibbenefikaw mid-deroga stipulata fil-punt 2(a) għandha tikkunsidra mill-inqas wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin:

(i) l-għadd ta' annimali maqtula jew ittrattati kull siegħa jew kuljum;

(ii) l-ispeċi u l-klassi ta' annimali maqtula jew ittrattati;

(iii) il-kapaċità ta' produzzjoni ta' l-istabbiliment;

(iv) it-twettiq ta' l-attivitajiet ta' qatla jew trattament fil-passat;

(v) l-effettività ta' miżuri addizzjonali fil-katina ta' l-ikel għax-xiri ta' annimali għall-qatla li jittieħdu biex tiġi ggarantita s-sikurezza fl-ikel;

(vi) l-effettività tas-sistema msejsa fuq l-HACCP;

(vii) ir-rekords ta' verifika;

(viii) ir-rekords storiċi ta' l-awtorità kompetenti ta' spezzjonijiet *ante-mortem* u *post-mortem*.

3. Rekwiżiti għal spezzjoni msejsa fuq ir-riskju ta' laħam, mingħajr inċiżjonijiet.

▼M8

_____

▼M2

(b) Permezz ta' deroga mir-rekwiżiti speċifiċi tal-Kapitoli I u II tat-Taqsima IV ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-proċeduri ta' spezzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini żgħar jistgħu jitnaqqsu għal spezzjoni viżwali b'palpazzjoni limitata, sakemm jitħarsu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel irid jiżgura li l-annimali jinżammu taħt kundizzjonijiet ikkontrollati ta' abitazzjoni u sistemi ta' produzzjoni integrati kif stipulat fl-Appendiċi ta' dan l-Anness;

(ii) l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel irid jiżgura li l-annimali żgħar bovini jitrabbew f'merħla uffiċjalment ħielsa mit-tuberkolożi ta' l-ifrat;

(iii) l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel m'għandux jibbenefika mill-arranġamenti transitorji fir-rigward tat-tagħrif tal-katina ta' l-ikel kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005;

▼M2

(iv) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta jew tordna l-implimentazzjoni ta' sorveljanza seroloġika u/jew mikrobijoloġika regolari ta' għadd magħżul ta' annimali msejsa fuq analiżi ta' riskju fir-rigward ta' sogru eżistenti fejn tidħol is-sikurezza ta' l-ikel f'annimali ħajjin u li hija rilevanti f'livell ta' azjenda;

(v) spezzjoni ta' l-awtopsja ta' annimali bovini żgħar għandha tinkludi f'kull ħin il-palpazzjoni tan-nodi linfatiċi retrofaringali, tal-bronki u medjastinali.

(c) Fil-każ li tinstab xi anormalità, il-karkassi u l-ġewwieni għandhom ikunu suġġetti għal spezzjoni sħiħa ta' awtopsja kif stipulat fil-Kapitoli I u II tat-Taqsima IV ta' l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi fuq il-bazi ta' analiżi ta' riskju li laħam b'ċerti anormalitajiet żgħar kif definit mill-awtoritajiet kompetenti, li m'huma ta' ebda riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bniedem, m'għandux għalfejn ikun suġġett għal spezzjoni sħiħa ta' awtopsja.

(d) Annimali bovini, ovini u kaprini żgħar u ħnieżer miftuma li ma jmorrux direttament mill-azjenda fejn twieldu ġo biċċerija jistgħu jitpoġġew f'azjenda oħra darba biss (għat-trobbija jew għat-tismin) qabel ma jintbagħtu f'biċċerija. F'każi bħal dawn:

(i) ċentri regolatorji ta' assemblaġġ jistgħu jintużaw għal annimali żgħar bovini, ovini jew kaprini bejn l-azjenda ta' l-oriġini u l-azjenda ta' trobbija jew ta' tismin, kif ukoll bejn dawn l-azjendi u l-biċċerija;

(ii) it-traċċabilità għandha tiġi żgurata f'livell ta' l-annimal individwali jew f'dak ta' grupp ta' annimali.

4. Rekwiżit addizzjonali għall-eżaminazzjoni ta' l-awtopsja fis-solipedi.

(a) Laħam frisk ġej minn solipedi mrobbija f'pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda tal-*glanders* skond l-Artikolu 2.5.8.2. tat-*Terrestrial Animal Health Code* ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali m'għandux jitpoġġa fuq is-suq, sakemm laħam bħal dan ma jkunx ġej mis-solipedi li jkunu ġew eżaminati għall-*glanders* skond il-punt D tal-Kapitolu IX tat-Taqsima IV ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

(b) Laħam frisk mis-solipedi li ġie djanjostikat bil-*glanders* għandu jiġi ddikjarat bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem kif stipulat fil-punt D tal-Kapitolu IX tat-Taqsima IV ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.

▼**M2**

Appendiċi għall-Anness VI b

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "kundizzjonijiet ikkontrollati ta' akkomodazzjoni u sistemi integrati ta' produzzjoni" tfisser li l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel għandu jikkonforma mal-kriterji stipulati hawn taħt:

(a) l-għalf kollu għandu jkun inkiseb minn faċilità li tipprovdi l-għalf skond ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); meta fibra jew prodotti tar-rabà jingħataw lill-annimali bħala għalf, dawn għandhom jiġu ttrattati kif xieraq, u fejn possibbli, fil-forma mnixxfa u/jew irrumblati;

(b) safejn ikun possibbli għandha tiġi applikata sistema *all-in/all-out*. Fejn l-annimali jiddaħħlu ġo merħla, dawn għandhom jinżammu iżolati skond kemm meħtieġ mis-servizzi veterinarji biex tiġi evitata l-okkorrenza ta' mard;

(c) l-ebda annimal m'għandu jkollu aċċess għall-faċilitajiet ta' barra sakemm l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel ma jkunx jista' juri permezz ta' analiżi ta' riskju għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-perjodu ta' żmien, il-faċilitajiet u ċ-ċirkostanzi tal-faċilitajiet ta' barra ma jservux ta' perikolu biex jintroduċu l-mard fil-merħla;

(d) għandu jkun disponibbli tagħrif li jikkonċerna l-annimali mit-twelid sal-qatla u dwar il-kundizzjonijiet ta' kif jiġu ttrattati kif stipulat fit-Taqsima III ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jekk jiġu pprovduti faċilitajiet għall-irqad lill-annimali, il-preżenza ta' mard għandha tiġi evitata permezz ta' trattament xieraq għall-materjal użat f'dawn il-faċilitajiet;

(f) il-persunal fl-azjendi għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' iġjene stipulati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(g) għandhom jiġu stipulati proċeduri li jikkontrollaw l-aċċess għall-post fejn jinżammu l-annimali;

(h) l-istabbiliment m'għandux jipprovdi faċilitajiet għat-turisti jew għall-kampeġġ sakemm l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel ma jkunx jista' juri permezz ta' analiżi tar-riskju għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-faċilitajiet huma separati kif meħtieġ mill-unitajiet ta' trobbija ta' l-annimali u li l-kuntatt dirett u indirett bejn il-bnedmin u l-annimali mhuwiex possibbli;

(i) l-annimali m'għandux ikollhom aċċess għal munzelli ta' skart jew għal skart ġej mid-djar;

(j) għandu jkun hemm pjan ta' kontroll u ta' ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara;

(k) l-għalf m'għandux jintuża sakemm l-operatur tal-kummerċ ta' l-ikel ma jurix permezz ta' analiżi ta' riskju għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li l-għalf ma jista' jittrażmetti l-ebda riskju lill-annimali;

(l) l-iskart u s-sediment minn pjanti tat-trattament tad-drenaġġ m'għandhomx jintremew f'żoni aċċessibbli għall-annimali jew jintużaw bħala fertilizzanti fil-mergħat biex jikbru l-ħxejjex, li jintużaw biex jagħlfu l-annimali, sakemm dawn ma jiġux ittrattati kif xieraq u ma jissoddisfawx lill-awtorità kompetenti.

([1]) ĠU L 35, 8.2.2005, p. 1.

▼B

ANNESS VII

EMENDI GĦAR-REGOLAMENT (KE) Nru 853/2004

L-Annessi II u III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness II, Sezzjoni I(B) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 6, it-tieni sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"BE, CZ, DK, DE, EE, GR, ES, FR, IE, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, SI, SK, FI, SE u UK";

(b) il-punt 8 huwa mibdul b'dan li ġej:

"8. Meta jiġi applikat għal stabbiliment li jinsab fi ħdan il-Komunità, il-marka għandha tkun f'għamla ovali u tinkludi l-abbrevjazzjoni CE, KE, EF, EG, EK, EY, ES, EÜ, EK, EB jew WE";

2. L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fis-Sezzjoni I, Kapitolu IV, il-punt 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Karkassi u partijiet oħra tal-ġisem maħsuba għall-konsum uman għandhom ikunu għal kollox imqaxxrin, ħlief fil-każ ta' annimali tar-razza tal-ħnieżer, irjus ta' nagħaġ u mogħoż u għoġiela u r-riġel ta' annimali bovini, nagħaġ u mogħoż. L-irjus u r-riġlejn għandhom ikunu ittrattati b'mod li tkun evitata l-kontaminazzjoni";

(b) fis-Sezzjoni II, il-Kapitolu VII li ġej huwa miżjud:

"KAPITOLU VII: AĠENTI GĦAŻ-ŻAMMA TA' L-ILMA

L-operaturi fin-negozju ta' l-ikel għandhom jiżguraw li laħam tat-tjur ta' l-irziezet li kien ittrattat speċifikament biex tkun promossa ż-żamma ta' l-ilma ma jitqiegħedx fis-suq bħala laħam frisk iżda bħala preparazzjonijiet ta' laħam jew użat fil-produzzjoni ta' prodotti ipproċessati."

(c) fis-Sezzjoni VIII, Kapitolu V(E), il-punt 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Prodotti tas-sajd derivati minn ħut velenuż tal-familji li ġejjin m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq: *Tetraodontidae, Molidae, Diodontidae u Canthigasteridae*. Prodotti tas-sajd friski, ippreparati u pproċessati li jappartjenu għall-familja *Gempylidae*, b'mod partikolari r-*Ruvettus pretiosus* u l-*Lepidocybium flavobrunneum*, jistgħu jitqiegħdu biss fis-suq f'forma mgeżwra/ippakkjata u għandhom ikunu ttikkettati kif xieraq biex jingħata tagħrif lill-konsumatur dwar metodi ta' preparazzjoni/tisjir u dwar ir-riskji relatati mal-preżenza ta' sustanzi b'effetti gastrointestinali ħżiena. Fuq it-tikketta għandu jkun hemm l-isem xjentifiku flimkien ma' l-isem komuni";

(d) Is-Sezzjoni IX hija emendata kif ġej:

(i) fil-Kapitolu I(II)(B)(1), il-punt (e) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(e) li l-bell u l-bexx tal-bżieżel jintużaw biss wara l-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni skond il-proċeduri stipulati fid-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidi (*).

(*) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.";

▼B

(ii) fil-Kapitolu II(II), il-punt 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Meta l-ħalib nej jew il-prodotti mill-ħalib jgħaddu minn trattament bis-sħana, l-operaturi fin-negozju ta' l-ikel għandhom jiżguraw illi dan jissodisfa r-rekwiżi stipulati fil-Kapitolu XI ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004. B'mod partikolari, għandhom jiżguraw, meta jużaw il-proċessi li ġejjin, li jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija:

(a) Il-pasturizzazzjoni tinkiseb permezz ta' trattament li jinvolvi:

(i) temperatura għolja għal perjodu qasir (mill-inqas 72 °C għal 15 il-sekonda);

(ii) temperatura baxxa għal perjodu twil (mill-inqas 63 °C għal 30 minuta); jew

(iii) kull taħlit ieħor ta' kundizzjonijiet ta' żmien-temperatura biex jintlaħaq effett ekwivalenti,

b'mod li l-prodotti juru, fejn applikabbli, reazzjoni negattiva għal test ta' alkalin fosfataži immedjatament wara trattament bħal dan.

(b) Trattament b'temperatura għolja ħafna (UHT) jinkiseb bi trattament:

(i) li jinvolvi fluss kontinwu ta' sħana f'temperatura għolja għal żmien qasir (mhux inqas minn 135 °C flimkien ma' żamma ta' ħin xieraq) b'mod li ma jkunx hemm mikroorganiżmi vijabbli jew spori kapaċi li jikbru fil-prodott ittrattat meta miżmun f'kontenitur magħluq asettiku f'temperatura ambjentali; u

(ii) suffiċjenti li jiżgura li l-prodotti jibqgħu mikrobijoloġikament stabbli wara inkubazzjoni għal 15-il jum fi 30 °C f'konteniturimagħluqin jew għal 7 ijiem f'55 °C f'konteniturimagħluqin jew wara kull metodu ieħor li juri li t-trattament bis-sħana xieraq ġie applikat;"

(e) fis-Sezzjoni X, Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

(i) fil-Parti III, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Wara l-fsiq, kull partiċella tal-bajda likwida għandha tgħaddi millipproċessar malajr kemm jista' jkun biex ikunu eliminati l-perikli mikrobijoloġiċi jew biex jitnaqqsu sa livell aċċettabbli. Partita li ma tkunx ġiet ipproċessata biżżejjed tista' terġa' tiġi pproċessata immedjatament jekk dan l-ipproċessar jirrendiha tajba għallkonsum mill-bniedem. Meta partita tinsab li mhix tajba għallkonsum mill-bniedem, għandha tkun żnaturata biex jiġi żgurat li ma tintużax għall-konsum mill-bniedem.";

(ii) fil-Parti V, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta' bajd likwidi, it-tikketta msemmija fil-punt 1 għandu jkun fiha wkoll il-kliem: 'bajda likwida mhux pastorizzata — għandha tiġi ttrattata fil-post tad-destinazzjoni' u għandha tindika wkoll id-data u s-siegħa tal-fsiq.";

(f) fis-Sezzjoni XIV, il-Kapitolu V li ġej huwa miżjud:

"KAPITOLU V: TIKKETTAR

It-tgeżwir u l-ippakkjar li fihom il-ġelatina għandu jkollhom il-kliem 'ġelatina tajba għall-konsum uman' u għandhom jindikaw id-data ta' preparazzjoni."

▼B

ANNESS VIII

EMENDI GĦAR-REGOLAMENT (KE) Nru 854/2004

L-Annessi I, II u III għar-Regolament (KE) Nru 854/2004 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I, Sezzjoni I, Kapitolu III(3) huwa emendat kif ġej:

   (a) fil-punt (a), it-tieni sottoparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

   "BE, CZ, DK, DE, EE, GR, ES, FR, IE, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, SI, SK, FI, SE u UK;"

   (b) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "(c) meta tkun applikata f'biċċerija fi ħdan il-Komunità, il-marka għandha tinkludi l-abbrevjazzjoni CE, KE, EF, EG, EK, EY, ES, EÜ, EK, EB jew WE";

2. fl-Anness II, Kapitolu II(A), il-punti 4 u 5 huma mibdula b'dan li ġej:

   "4. L-awtorità kompetenti tista' tikklassifika bħala tal-Klassi B żoni li minnhom jistgħu jinġabru molluski bivalvi ħajjin iżda mqiegħda biss fis-suq għall-konsum uman wara trattament f'ċentru ta' purifikazzjoni jew wara relaying sabiex jilħqu l-istandards tas-saħħa msemmija fil-paragrafu 3. Molluski bivalvi ħajjin minn dawn iż-żoni m'għandhomx jaqbżu l-4 600*E. coli* kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari. Il-metodu ta' referenza għal din l-analiżi huwa t-test tan-Numru l-Aktar Probabbli (MPN) f'ħames provetti u tliet sustanzi dilwiti kif speċifikat fl-ISO 16649-3. Jistgħu jintużaw metodi alternattivi jekk huma vvalidati fil-konfront ta' dan il-metodu ta' referenza skond il-kriterji fl-EN/ISO 16140.

   5. L-awtorità kompetenti tista' tikklassifika bħala tal-Klassi C żoni li minnhom jistgħu jinġabru molluski bibalvi ħajjin iżda mqiegħda biss fis-suq wara li jinżamm matul perjodu twil sabiex jilħqu l-istandards tas-saħħa msemmija fil-paragrafu 3. Il-molluski bivalvi ħajjin minn dawn iż-żoni m'għandhomx jaqbżu l-46 000*E. coli* għal kull 100 g ta' laħam u likwidu intravalvulari. Il-metodu ta' referenza għal din l-analiżi huwa t-test tan-Numru l-Aktar Probabbli (MPN) f'ħames provetti u tliet sustanzi dilwiti kif speċifikat fl-ISO 16649-3. Jistgħu jintużaw metodi alternattivi jekk huma vvalidati fil-konfront ta' dan il-metodu ta' referenza skond il-kriterji fl-EN/ISO 16140.";

3. fl-Anness III, Kapitolu II(G), il-punt1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "1. Prodotti tas-sajd derivati minn ħut velenuż tal-familji li ġejjin m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq: *Tetraodontidae, Molidae, Diodontidae u Canthigasteridae*. Prodotti tas-sajd friski, ippreparati u pproċessati li jappartjenu għall-familja *Gempylidae*, b'mod partikolari r-*Ruvettus pretiosus* u l-*Lepidocybium flavobrunneum*, jistgħu jitqiegħdu biss fis-suq f'forma mgeżwra/ippakkjata u għandhom ikunu ttikkettati kif xieraq biex jingħata tagħrif lill-konsumatur dwar metodi ta' preparazzjoni/tisjir u dwar ir-riskji relatati mal-preżenza ta' sustanzi b'effetti gastrointestinali ħżiena. Fuq it-tikketta għandu jkun hemm l-isem xjentifiku flimkien ma' l-isem komuni."